MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 76/2014

**Rikors Numru: 76/2014 CSH**

**Ray Auto Dealer Limited (C9850)**

**vs**

**Renald Pisani**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Marzu 2014 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hamest elef, tmien mija, tnejn u tmenin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€5,882.27) jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti sal-kompetenza massima taghha, bilanc tal-prezz ta' vettura tat-tip Fiat Punto mibjugha lilu mis-socjeta' attrici bi ftehim ta' bejniethom datat 26 ta' Awissu 2010 (Dokument "A").

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Huwa ngunt ukoll biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal Mario Mizzi datata 16 ta' April 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2014 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-21 ta' Mejju 2014.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, tmien mija, tnejn u tmenin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€5,882.27) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur kontra l-konvenut.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------